QORMI

**KUNSILL LOKALI QORMI** **IL-ĦAMES KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 48** **IT-TLIETA 15 TA' MARZU 2011**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar it-Tlieta 15 ta' Marzu 2011 fis-7.05 ta' fil-għaxija fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Ħdax-il Kunsillier)**

Is-Sindku Jesmond Aquilina, il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil, il-Kunsilliera Dennis Zammit, Angelo Briffa, Thomas Harmsworth, Margaret Mercieca, Bjorn Azzopardi, Jeffrey Camilleri, Simon Vella Gregory (7.14pm), Ralph Puli (7:16pm) u Jason Busuttil (7:18pm).

**TALBA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** qal it-talba.

**48/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 47**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 47 li nżammet nhar it-Tlieta 22 ta' Frar 2011, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur it-tmien Kunsilliera (8) preżenti**. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta numru 47 ġew approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.**

**48/02 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET**

48/02/01 **Is-Sindku** rrefera għar-rapport dwar is-sejħa għall-offerti għall-Kiri ta' Kiosk fi Ġnien De La Cruz, nru. 47/05, u għaż-żewġ ittri tas-Sur Henry

Farrugia li dehru waħda fil-gazzetta tal-Ħadd KullĦadd, taħt l-isem ‘Tender għal Kiosk f’Ħal Qormi’ u l-oħra fil-ħarġa tas-Sibt ta’ In-Nazzjon, bl-isem ‘Diżappuntat’. Il-Kunsill qabel li dawn l-ittri jkunu imwieġba, skont id-dokument anness. **DOK ‘A’**

**48/02/02** **Is-Sindku** nforma li l-Kunsill irċieva mingħand id-Direttur, Gvern Lokali illi l-*Appraisal Report* u l-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv kif rakkomandat mill-Kunsill ġie approvat. **DOK ‘A2’**

**48/02/03** **Is-Sindku** rrefera għall-mozzjoni nru. 117-2011(V) dwar il-monument għal Dr. George Hyzler u nforma li l-artist Stephen Borg aċċetta li jħejji abbozz tal-bust, kif ukoll li l-Kunsillier Ralph Puli kellem lil George Hyzler sabiex jiltaqgħu mal-artist u jgħaddilu ritratti biex ikun jista’ jaħdem minn fuqhom.

**48/02/04** **Is-Sindku** nforma li s-saga għad-dokument tal-approvazzjoni tax-xiri tal-garaxx mal-bini tal-Kunsill għadha għaddejja u bħalissa l-*file* jinsab għand il-Ministru Tonio Fenech għall-firma.

**48/02/05** **Is-Sindku** nforma li l-attivita’ tal-Karnival marret tajjeb ħafna fejn l-attendenza kienet ferm numeruża kif ukoll il-parteċipazzjoni fl-isfilata fejn ħadu sehem gruppi ta’ żeffiena ta’ 100 u saħansitra 130 persuna.

**48/03** **Il-Kunsillier Simon Vella Gregory** daħal għas-seduta fis-7.14pm.

**48/04** **PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA’ FRAR 2011**

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta’ pagamenti għax-xahar ta’ Frar 2011, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK ‘B1-3’**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Frar
**b)** Bank Payments Frar 2011
**c)** Petty Cash Frar 2011

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekonda.
**Ivvutaw Favur** id-disa’ Kunsilliera (9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**48/05** **Il-Kunsilliera Ralph Puli (7:14pm) u Jason Busuttil (7:16pm)** daħlu **għas-seduta.**

**48/06** **MOZZJONI 119/2011 (V) – ĠIEĦ ĦAL QORMI 2011**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq il-Mozzjoni 119/2011 dwar Ġieħ Ħal Qormi 2011.

"Nipproponi li Ġieh Ħal Qormi għas-sena 2011 jingħata lis-Sur Guże Cutayar għall-għarfien li huwa ta dwar Ħal Qormi matul dawn l-aħħar snin ġewwa Franza. Huwa kien strumentali biex inħolqu rabtiet speċjali mal-Belt ta' Feyzin fejn saru bosta kuntatti mal-għaqdiet tal-post permezz ta' żjarat reċiproki li saru.

Is-Sur Guże għandu għall-qalbu ħafna lil Ħal Qormi u dak kollu li hu Malti. Huwa jippromovi bil-kbir il-lingwa Maltija u huwa awtur ta' dizzjunarju Malti Franċiż u kitbiet Lettararji oħra."

**Il-Kunsill unanimament ssekonda u approva** l-mozzjoni 119/2010.

**Is-Sindku** informa li d-delegazzjoni Franċiża mmexxija mis-sur Guże Cutajar se tkun Malta fit-28 ta' April li ġej, bi grupp ta' mużiċisti fejn flimkien ma' talent min-naħa tagħna hemm il-ħsieb li tittella' l-attivita' nhar is-Sibt 30 ta' April fir-Razzett l-Antik. Hu mistenni li jattendi wkoll l-Ambaxxatur Franċiż għall-Malta kif ukoll il-Konslu ta' Malta għall-Franza

**48/07** **MOZZJONI 121/2011 (V) – PROGRAMM JUM ĦAL QORMI 2011**

**Is-Sindku** ressaq il-Mozzjoni 121/2011(V) dwar il-Programm għal Jum Ħal Qormi 2011.

'Nipproponi li l-Kunsill Lokali japprova n-nefqa ta' €4,000 sabiex jiġi organizzat il-Programm ta' Jum Ħal Qormi, li jinkorpora fih is-Serata tal-Għoti ta' l-Unuri, Ġieħ Ħal Qormi u Għarfien il-Ħila.'

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekonda l-mozzjoni.

**Is-Sindku** nforma li din is-sena din l-attivita' se tittella' ġewwa u għalhekk ħafna mill-ispejjeż sejrin jitnaqqsu. Dan l-ammont li qed ikun approvat jinkludi ukoll l-ispejjeż tad-delegazzjoni franċiża.

**Ivvutaw Favur** il-ħdax-il (11) Kunsillier preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**48/08** **MOZZJONI NRU 120/2011(V) XIRI TA' MADUM TA' L-ART**

**Is-Sindku** ressaq il-Mozzjoni 120/2011(V) dwar Xiri ta' madum ta' l-art.

'Nipproponi li l-Kunsill Lokali Qormi jkollu sehem żgħir mill-proġett kbir li qiegħed iwettaq il-Gvern flimkien mal-MFA u l-Qormi FC ġewwa Ħal Qormi li huwa l-grawnd *full size* bit-*turf* li se jkun ċentru sportiv

importanti ġewwa l-lokalita' fejn se jkun qed jintuża wkoll min-*nursery* tal-football.

Għal dan il-għan nipproponi li l-Kunsill jipprovdi għal 400 metru kwadru madum tal-art biex jintuża għall-*istands* u l-passaġġ li jagħti għal dan il-grawnd. L-ispiża tlaħħaq għal 7 euros kull metru kwadru, Eur 2,800. Il-Qormi FC se jieħu ħsieb il-ġarr u t-tqegħid ta' dan il-madum mill-voluntiera.'

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li din il-mozzjoni ma taqax taħt il-funzjonijiet ta' Kunsill u tammonta għal donazzjoni u għalhekk mhix konformi mal-liġi.

Il-Kunsill qabel li jintalab parir mid-Dipartiment dwar dan, la darba l-istess Gvern Ċentrali qed jgħin f'dan il-proġett ewlieni f'Ħal Qormi.

**48/09 MOZZJONI NRU 122/2010(V) TIŻJIN DAWL TAT-TOROQ**

**Is-Sindku** ressaq il-Mozzjoni 122/2011(V)

'Nipproponi li l-Kunsill japprova n-nefqa ta' € 400 li saret bi ftehim mal-mill-Kumitat Festi Esterni San Gorg Martri sabiex tiżżejjen l-area ta' San Ġorġ bid-dawl tal-Milied.' **DOK 'C'**

**Il-Kunsillier Jason Busuttil** issekonda l-mozzjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** din il-mozzjoni, li bħalha il-Kunsill kien approva l-mozzjoni 111/2010(V) tiżjin dawl tat-toroq f'parti oħra ta' Ħal Qormi, u rringrazza tax-xogħol li sar fit-tiżjin tat-toroq.

**48/10 TENDER - TINDIF TAT-TOROQ MHUX URBANI.**

**Is-Sindku** ppreżenta u qara r-rapport, li kien iċċirkulat lill-Kunsilliera, tal-Kumitat tal-Offerti dwar l-Offerta għall-Kuntratt tat-Tindif tat-Toroq mhux Urbani fejn kienu tlieta l-offerti li ntefgħu u wara ppropona l-approvazzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Bord li t-tender jingħata lis-Sur Carmel Mazzitelli li ressaq l-irħas offerta. **DOK 'D1-2'**

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur il-ħdax-il (11) Kunsilliera preżenti.**

**Il-Kunsill unanimament approva** ir-rapport tal-Kumitat tal-Offerti sabiex il-kuntratt tat-tindif tat-Toroq mhux Urbani jingħata lis-Sur Carmel Mazzitelli.

**48/11** **TENDER – PERIT TAL-KUNSILL U *CONTRACT MANAGER***

**Is-Sindku** ppreżenta u qara r-rapport, li kien iċċirkulat, tal-Kumitat tal-Offerti għall-Kuntratt tal-"*Architect to the Council and Contract Manager for the Upkeep & Maintenance of* Roads *and Pavements*" **DOK 'E1-2'**

Il-Kunsill evalwa d-dokumenti u l-kalkoli mressqa u spjega dettaljata li l-offerta hija l-aktar waħda vantaġġuża. Il-Kunsill innota li l-Kunsill jeħtieġ servizz mingħand Perit li jwieġeb immedjatament u fl-aqsar ħin għal kull problema li titqajjem mill-Kunsill. Il-Kunsill innota wkoll li l-offerta mressqa mill-Perit William Lewis meta mqabbla mar-rati preżenti turi traħħis fuq ir-rati preżenti. Il-Kunsill qabel ukoll li fil-preżent is-servizz li qed jingħata lill-Kunsill mill-Perit William Lewis huwa immedjat u ferm soddisfaċenti b'dedikazzjoni għax-xogħol u għall-interessi tal-Kunsill.

**Is-Sindku għalhekk ppropona l-approvazzjoni** tar-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Offerti sabiex l-kuntratt għas-*Service of an Architect & Contract Manager for the Upkeep & Maintenance of Roads and Pavements* jingħata lill-Perit William Lewis.

**Il-Kunsillier Dennis Zammit issekonda.**

**Ivvutaw Favur il-ħdax-il (11) Kunsilliera preżenti.**

**Il-Kunsill unanimament approva** r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Offerti sabiex il-kuntratt ta' ***Architect to the Council and Contract Manager for the Upkeep & Maintenance of Roads and Pavements*** jingħata lill-Perit William Lewis.

**48/12** **TENDER - KONSULENT LEGALI**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq u qara r-rapport, tal-Kumitat tal-Offerti li eżamina l-offerti kollha mitfugħa għall-Kuntratt ta' Konsulent Legali, liema rapport kien iċċirkulat lill-Kunsilliera. **DOK 'F1-2'**

Il-Kunsill evalwa d-dokumenti ta' l-offerta flimkien mar-rapport tal-Kumitat tal-Offerti u s-Segretarju Eżekuttiv intalab jagħti lista ta' xogħlijiet, inklużi dawk fil-Qorti, li matul din is-sena l-Konsulent Legali ntalab mill-Kunsill. Il-Kunsill ukoll innota li jeħtieġ servizz immedjat mingħand Konsulent Legali li kapaċi jwieġeb immedjatament u fl-aqsar ħin għal kull problema li titqajjem mill-Kunsill. Il-Kunsill innota li s-servizz mogħti minn Dr. Stefan Zrinzo Azzopardi kien immedjat u ferm sodisfaċenti.

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** għalhekk ippropona l-approvazzjoni ta' dan ir-rapport li jirrikkmanda lill-Kunsill jaċċetta l-offerta ta' Dr. Stefan Zrinzo Azzopardi bħala l-aktar offerta vantaġġjuża għall-Kunsill u li Dr. Stefan Zrinzo Azzopardi jingħata l-Kuntratt ta' Konsulent Legali.

**Il-Kunsillier Jason Busuttil issekonda**

**Ivvutaw Favur il-ħdax-il (11) Kunsilliera preżenti.**

**Il-Kunsill unanimament approva** ir-rapport bir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Offerti sabiex i Kuntratt ta' Konsulent Legali jingħata lil Dr. Stefan Zrinzo Azzopardi LL.D.

## 48/13 TENDER – POLZA TA' ASSIKURAZZJONI

**Is-Sindku** ppreżenta u qara r-rapport tal-Kumitat tal-Offerti li eżamina l-offerti kollha mitfugħa għall-Kuntratt ta' Polza ta' Assikurazzjoni, "Insurance Covers", liema rapport kien iċċirkulat lill-Kunsilliera.

Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Offerti li t-tender jingħata lill-Messrs. Island Insurance Brokers Ltd. li ressqu l-aktar offerta vantaġġuża. **DOK 'G 1-2'**

**Il-Kunsillier Thomas Harmsworth** ssekonda.

**Ivvutaw Favur il-ħdax-il (11) Kunsillier preżenti.**

**Il-Kunsill unanimament approva** ir-rapport tal-Kumitat tal-Offerti sabiex il-kuntratt tal-Polza ta' Assikurazzjoni jingħata lill-Messrs. Island Insurance Brokers Ltd.

## 48/14 FTEHIM MAL-GĦAQDIET TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ 2011 - 2014

**Il-Kunsill** għadda biex jiddiskuti d-dokument dwar is-Sejħa għall-Organizzar ta' Attivitajiet Kulturali minn Għaqdiet taż-Żgħażagħ f'Ħal Qormi li għandu jwassal għall-Ftehim mal-Għaqdiet taż-Żgħażagħ għas-snin 2011-2014. **DOK 'H'**

**Is-Sindku** fisser li dan id-dokument għandu jitressaq għall-attenzjoni ta' dawk l-Għaqdiet li lesti jaħdmu bl-istess għan tal-Kunsill, permezz ta' sejħa għall-programm ta' attivitajiet, liema sejħa se tkun tikkonsisti fi tliet skemi. L-għaqdiet se jkunu mistiedna jorganizzaw attivitajiet fil-lokalita' li jrawwmu l-Kultura Qormija u jsejjsu dak kollu li nbena sal-lum, permezz tal-volontarjat. L-Għaqdiet, li se jissieħbu għandhom jaqsmu u jikkondividu dawn l-għanijiet tal-Kunsill Lokali Qormi u għandhom jikkommettu ruħhom li joffru x-xogħol volontarju tagħhom biex b'mod konkret dawn il-prinċipji jsiru realta'. Kull għaqda għandha l-obbligu li tippreżenta lill-Kunsill Lokali rendikont finanzjarju għal kull attivita' u l-ispejjeż kollha nvoluti għandhom ikunu koperti b'irċevuti fiskali.

Sar qbil li tingħata ġimgħa sabiex il-Kunsilliera jressqu aktar kummenti dwar din is-sejħa, qabel ma' tinħareġ fil-Gazzetta, għall-offerti.

**48/15** **AWTORITA' TAD-DJAR - SKEMA NSAĦĦU L-KOMUNITA' - RIĠENERAZZJONI FL-OQSMA TAL-BINJIET TAL-GVERN**

**Is-Sindku** nforma li b'riferenza għall-ewwel Skema *Nsaħħu l-Komunita:* Riġenerazzjoni *fl-Oqsma tal-binjiet tal-Gvem,* l-Awtorita' tad-Djar ħabbret l-għażla tal-Kunsill ta' Ħal Qormi, fejn ser isir ix-xogħol. matul din is-sena u kemm għas-snin 2012 u 2013. Din hija skema fejn l-Awtorita' tad-Djar ser tagħti sa massimu ta' €75,000 lil kull Kunsill għall-proposti tiegħu għal riġenerazzjoni fl-oqsma tal-binjiet tal-Gvem, fejn f'kull proposta mwassla hemm ukoll inizjattivi edukattivi lir-residenti f'dawn il-binjiet. **DOK 'J'**

Il-Proposti tal-Kunsill kienu jikkonsistu *f'Upgrading of Footpaths and Passages* fil-Binjiet ta' Vjal De La Cruz / Fontanier u *Embellishment of Pascarella H.E*. f'Ta' Pascarella. Il-Kunsill ressaq ukoll programm ta' inizjattivi edukattivi lir-residenti li jikkonsistu *f'Computer Courses*, *Cultural Courses, Talks re Drugs u Crime Prevention, Security at home, Waste Separation, Energy Saving and Health.*

Il-Kunsill ġie mistieden għall-iffirmar ta' din l-iskema 1 Insaħħu l-Komunita, Rigenerazzjoni f'oqsma tal-binjiet tal-Gvern, li se ssir nhar il-Ġimgħa 25 ta' Marzu fid-9:30 ta' filgħodu fl-Uffiċċji tal-Awtorita' tad-Djar il-Furjana.

**48/16** **KORRISPONDENZA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-Korrispondenza dwar: **DOK 'K 1-3'**

1. Ilment dwar Bini ta' Bankina – Risposta tal-Bord ta' Gvernanza Lokali
2. Problema fi Triq il-Belt Valletta, n-naħa tal-ground minn residenta
3. *Email* dwar *Streets in Qormi* mingħand resident

**48/17** **MEMO 12**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Memo nru. 12, li kienet ċċirkulata. **DOK 'L'**

**48/18** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** nforma li ser ikollu laqgħa mas-Supretend tal-Pulizija fejn sejjer iqajjem l-abbuż li qed iseħħ fejn residenti joħorġu l-iskart mingħajr osservanza tal-ġranet u l-ġbir li jsir, u għalhekk dan l-iskart jitħalla barra għall-għada.

**48/19** **Is-Sindku** nforma wkoll li wara id-deċiżjoni li ħa l-Kumitat Konġunt dwar l-estensjoni tal-kuntratt għall-Provista ta' servizzi ta' Gwardjani

Lokali, b'żieda ta' żewġ euro fis-sigħa, ser issir laqgħa mar-rappreżentanti ta' l-Aġenzija Guard & Warden Service House Limited nhar it-Tnejn 4 ta' April 2011 fil-5.00 ta' fil-ghaxija fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kumitat fejn kull deċiżjoni li tittieħed tkun turbot lil kulħadd.

**48/20** **Il-Kunsillier Dennis Zammit** ressaq proposta sabiex id-*Disabled Reserved Parking Bay* fi Triq iċ-Ċawsli, li m'hemmx skop għaliha titneħħa, u ttieħdet deċiżjoni li din ir-*reserved parking* titneħħa u għalissa ma' ssirx aktar 'l ġewwa fi Triq iċ-Ċawsli kif propost minn Transport Malta.

**48/21** **Il-Kunsilliera Margaret Mercieca** ressqet talba għal Zumba Class flok waħda mill-*aerobic lessons*, u sar qbil li dan isir, dejjem skont kif maqbul fl-iskema.

**48/22** **Il-Kunsillier Jason Busuttil** ippropona li l-Kunsill japprova n-nefqa ta' Euro 1,200 biex flimkien mal-Għaqda Qawmien tittella' bħala parti mill-ftehim 2010 il-Musical 'Reġa' Sebaħ'. Il-Kunsillier Dennis Zammit issekonda u l-Kunsill approva unanimament.

**48/23** **AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm fit-12 ta' April 2011.
Il-laqgħa ntemmet fid-8:35 ta' fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| Jesmond Aquilina<br>Sindku | John Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ....................... ......... ta' ...................... 2011.
(Jum) (Data) (Xahar)